MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2008

Citazzjoni Numru. 4/2004

Kawza fil-lista: 25

**A B C D f'isimha proprju u bhala kuratrici 'ad litem' tal-minuri E, u F G**
**vs**
**H C u d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-atturi ppremettew u talbu hekk:

Peress illi l-attrici u l-konvenut H C izzewgu nhar l-erbgha (4) t' Awissu 2000, il-Bahrija, Malta;

Peress illi damu jghixu flimkien ghal sentejn biss u konsegwentement isseparaw de facto fl-Lulju tat 2002 u li

l-attrici baqghet hekk fizikament mifruda minn dak iz-zmien l' hawn;

Peress illi l-attrici bdiet relazzjoni ma' l-attur F G malli sseparat de facto minn ma' H C liema relazzjoni qieghda fiha sallum;

Peress illi minn din ir-relazzjoni twieled tifel, E fil-hamsa (5) ta' Settembru 2003 liema tifel minuri huwa allura l-wild naturali ta' l-imsemmi F G u mhux ta' H C;

Peress illi hemm lok illi c-certifikat tat-twelid ta' E C jigi emendat fis-sens illi l-paternita' tal-istess minuri tkun korrettament tirrispekkja u tikkonforma mal-fatt illi l-imsemmi F G huwa l-missier naturali tal-minuri E C;

Jghidu l-konvenuti il-ghaliex ma ghandhiex dina l-Qorti ghar-ragunijiet premessi:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-imsemmi minuri E C mhux il-wild naturali ta' H C, izda l-wild naturali ta' F G b' mod illi hemm lok ghall-korrezzjoni tal-att tat-twelid tal-imsemmi minuri f' dan is-sens;

2. Tordna ghalhekk l-korrezzjoni mehtiega fl-att tat-twelid ta' E C, att numru 3651 tas-sena 2003, sabiex il-paternita' tal-minuri tigi korrettament rispekkjata fl-istess att, billi fil-kolonna fejn jinsabu mnizzla l-konnotati tal-missier, il-konnotati tal-konvenut H C jigu kkancellati u minflok jigu mnizzla l-konnotati tal-attur F G.

Il-konvenuti huma minn issa mharrka sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li biha eccepixxa:

1. Illi fil-mertu huwa mhux edott mill-fatti kif allegati fic-citazzjoni u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi l-minuri E C ghandu jkun parti minn din il-kawza u l-interessi tieghi ghandhom jigu rapprezentati minn kuraturi deputati stante illi jista' jkun hemm kunflitt ta' interess.

3. Illi jekk it-talbiet attrici jigu milqugha l-attur F G ikun irid jitnizzel bhala "missier illegittimu" u l-kliem "the said" iridu jigu kkancellati minn taht il-kolonna li tindika t-taghrif dwar l-omm fl-Att ta' Twelid in kwistjoni.

4. Illi l-attur F G ghandu tispecifika d-dettalji personali kollha tieghu biex jekk it-talbiet attrici jigu milqugha dawn ikunu jistghu jigu inseriti fil-kolonni rispettivi fl-Att tat-Twelid in kwistjoni.

5. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta' l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' l-istanti.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati ta' dawn il-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat li l-konvenut H C, ghalkemm debitament notifikat ghazel li jibqa' kontumaci;

Rat l-avviz ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern;

Rat ir-rapport[1] ta' l-espert xjentifiku Dottor Renald Blundell minnu debitament mahluf;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

---

[1] Fol.66 et seq.

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-atturi qedin jitolbu korrezzjoni fl-att tat-twelid [numru 3651/2003] tal-minuri E li twieled fil-5 ta’ Settembru 2003, fis-sens li dana mhuwiex il-wild naturali tal-konvenut H C izda huwa l-wild naturali ta’ l-attur F G. Ghalkemm H Stelllini ma kkontestax din it-talba permezz ta’ nota ta’ l-eccezzjonijiet, fix-xhieda[2] tieghu jammetti li E mhuwiex il-wild tieghu; filwaqt li l-attur F G jsostni li l-minuri huwa ibnu.

Mill-provi jirrizulta nkontestat li l-konjugi C, l-attrici A B u l-konvenut H, isseparaw de facto f’ Lulju 2002 wara circa sentejn ta’ hajja konjugali; u f’ dak iz-zmien l-attrici bdiet relazzjoni ma’ l-attur F G, mill-liema relazzjoni twieled il-minuri E fil-5 ta’ Settembru 2003.

L-attrici u l-konvenut H C jikkonfermaw li wara li huma sseparaw de facto f’ Lulju 2002 huma qatt ma kellhom relazzjonijiet intimi bejniethom. L-attrici ssostni li r-relazzjonijiet intimi bejnha u bejn zewgha kienu waqfu f’ Mejju ta’ dik is-sena. Hija tikkonferma li minn dak iz-zmien, il-konvenut F G kien l-uniku partner taghha u ma kellha relazzjonijiet sesswali ma hadd izjed.

Illi r-rapport xjentifiku ta’ l-espert Dottor Renald Blundell jaghti konfort lill-versjoni attrici, li del resto ssib ukoll konfort fix-xhieda tal-konvenut H C. Minn dan ir-rapport jirrizulta xjentifikament li l-minuri E huwa l-wild naturali ta’ l-attur F G, u mhux tal-konvenut H C.

Illi l-attur F G huwa bin Ronald G, imwieled il-Pieta’ fl-14 ta’ Awissu 1975, joqghod San Giljan, u ghandu l-karta ta’ l-identita’ 407375.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attrici hija sostnuta mill-provi u hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa’ t-talbiet attrici, u tiddikjara li l-minuri E li twieled fil-5 ta’ Settembru 2003

[2] Dep. 19 ta’ Ottubru 2006 fol.56 *et seq.*

mhuwiex il-wild naturali tal-konvenut H C, izda huwa l-wild naturali ta’ l-attur F G; u ghalhekk tordna l-konsegwenzjali korrezzjoni fl-att tat-twelid 3651/2003 billi jigu kancellati l-isem ta’ H C u l-konnotati tieghu u jigu sostitwiti bl-isem F G, bhala l-missier tal-minuri, u l-konnotati tieghu.

L-ispejjez jigu sopportati mill-atturi wgwalment.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------